MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-8 ta' April, 2011

Avviz Numru. 443/2010

**Victor Tabone**

**vs**

**L-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors promotur datat is-26 t'Ottubru tas-sena 2010 li permezz tieghu ir-rikorrenti Victor Tabone sejjah lill-Awtorita` ntimata fuq indikata quddiem din il-qorti sabiex twiegeb ghat-talbiet tieghu sabiex:**

**1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponent mhux responsabbli ghall-ebda wahda mill-hlasijiet fuq imsemmija marbuta mal-vettura bin-numru ta' registrazzjoni KBA – 196;**

**2. Tordna lill-Awtorita` ntimata tiddesisti milli tkompli tataddebita hlasijiet ta' licenzji ta' l-istess vetturi kif ukoll multi u kontravenzjonijiet konnessi maghha lill-esponent;**

**3. Konsegwentement, tordna t-twaqqif ta' l-esekuzzjoni ta' l-istess imsemmija ittra ufficcjali hawn annessa kontra l-esponent;**

**4. Bl-ispejjez u b'rizerva ghal kull azzjoni ghad-danni diga` sofferti li ghad jista' jsofri minhabba l-istess imsemmija ittra ufficcjali jew ghal xi att konsegwenzjali ghall-istess;**

**Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ntimata datata l-15 ta' Novembru tas-sena 2010 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbet li din il-qorti ghandha tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Illi l-procedura odjerna taf l-origini taghha ghall-ittra ufficcjali tal-Awtorita` ntimata datata t-22 ta' Settembru tas-sena 2010, fejn l-istess Awtorita` ntimat lir-rikorrenti Tabone biex ihallasha l-ammont minnha hemm indikat talli naqas li jhallas il-licenzja dovuta fuq il-vettura tal-marka Isuzu Gemini bin-numru ta' registrazzjoni KBA – 196 kienet skadiet fl-1 ta' Dicembru tas-sena 2002;**

**Illi r-rikorrenti sintetikament isostni s-segwenti:**

**1. Illi hu kien xtara bil-"hire purchase" il-vettura in dizamina fl-2009 minghand is-socjeta1 Western Auto Dealers ta' Birkirkara;**

**2. Illi wara li sab ruhu f'diffikultajiet finanzjarji ma baqax ihallas ir-rati minnu dovuti;**

**3. Illi di piu`, jirrizulta li fl-2005 ir-rikorrenti sofra minn kundizzjoni medika serja fejn konsegwenza tal-istess kien kostrett ghal erba' xhur shah fl-isptar;**

**4. Illi ghalhekk mart u zit ir-rikorrenti kienu ddecidew jirritornaw il-vettura in dizamina lis-socjeta` min fejn kienet inxtrat mir-rikorrenti;**

**5. Illi meta rritornaw il-vettura de quo lura, hallsu wkoll xi arretrati dovuti u ftehmu jmorru l-ufficcji tal-Awtorita` ntimata biex jikkonkludu l-pratiki ufficcjali necessarji;**

**6. Illi meta marru fl-ufficcji de quo tant irrizulta li kien hemm nies li r-rapprezentant tas-socjeta` de quo talabhom ihallu kollox f'idejh u jitilqu;**

**7. Illi ghalhekk il-"log book" u l-arretrati dovuti baqghu rispettivament la rikonoxxuti u lanqas imhallsa kif dovut lill-Awtorita` de quo;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi ai fini ta' trasferiment ta' vettura japplika dak stabbilit mill-artikolu 26 tal-Kap 65 li sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:**

**1. Sid li jbiegh jew b'xi mod jitrasferixxi l-jedd tieghu fuq vettura li ghaliha tkun tirreferixxi l-licenzja ghandu jaghti avviz ta' l-istess lill-Awtorita` de quo;**

**2. Illi sid ghandu wkoll jipprezenta fizikament lill-istess Awtorita` il-licenzja biex jitnizzlu l-partikolaritajiet involuti;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi minn investigazzjoni relattiva jirrizulta s-segwenti:**

**1. Illi l-vettura in dizamina kienet ilha registrata f'isem ir-rikorrent regolarment;**
**2. Illi l-ahhar licenzja valida fuq l-istess vettura skadiet fl-1 ta' Dicembru tas-sena 2002;**
**3. Illi l-arretrati dovuti lill-Awtorita` huma konformi ghall-ammont minnha indikat fl-ittra ufficcjali taghha tat-22 ta' Settembru tas-sena 2010 fuq indikata;**

**Ikkunsidrat:**

**Illi in vista tal-premess jirrizulta assodat li l-ahhar li r-rikorrenti hallas il-licenzja dovuta kien sat-30 ta' Novembru tas-sena 2002;**

**Illi minn dik id-data sad-data ta' l-ittra ufficcjali in dizamina r-rikorrent baqa' ma ottemporax ruhu ma' l-obbligi legali tieghu ai termini ta' l-artikolu 26 tal-Kap 65;**

**Illi ghaldaqstant, din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ma ppruvax it-talbiet tieghu skont il-ligi u konsegwentement anke wara li rat l-artikolu 57 tal-istess Kap 65, tiddikjara li r-rikorrenti Victor Tabone ghandu jitqies li fil-perjodu in dizamina, hu kien responsabbli lejn l-Awtorita` ntimata ghall-hlas tal-ammont dovut ghad-dritt tal-liceznja de quo, u konsegwentment, tichad it-talbiet tar-rikorrenti Victor Tabone bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.**

**Marisa Borg**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------